MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 12/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 17 ta' Diċembru, 2013 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | KAS | Mary Rose Mifsud |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużati | Sur Matthew Agius |

## AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat il-Ħamis 11 ta' Diċembru, 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 11/K7/2013.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati
7. Affarijiet oħra jekk urgenti
8. Aġġornament.

| Seduta Numru 12/13 |
|---|

544 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

545 Is-Sindku u l-Kunsilliera laqgħu lil Jean-Claude Borg, l-Ambaxxatur tal-Vot 16 fil-laqgħa u irringrazzjawh talli aċċetta din il-kariga.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 11/K7/2013.

546 Materja 503: Is-Sur Selvaggi qal li hu ma jiftakarx li qal is-sentenza "Qal li l-problema tagħhom mhux ezatt li mhux lest il-proġett, pero' li hemm inkonvenjent għar-residenti taż-żona". Il-Kunsill qabel li din is-sentenza titneħħa. Gibed l-attenzjoni ukoll li r-resident ġie mwiegħed li jkun hemm pjazzetta u mhux proġett lest quddiemu. Sar qbil li din tiġi amendata.

547 Materja 508: Is-Sur Selvaggi ġibed l-attenzjoni li r-rampa għada trid issir. Hemm bżonn li tinqala l-bankina għal dan l-iskop.

## 2. Materji tal-Minuti

548 Materja 498: Is-Sindku informat lill-Kunsilliera li ġew tal-ELV biex jiċċekjaw il-'cameras' pero' ma kienx hemm ċavetta. Qalet li qed nistennew ċ-ċwievet mill-Green MT. Is-Sur Maurice Agius qal li għadu ma ngħatax risposta fuq iċ-ċekk. Is-Segretarja qed tiċċekja dwar il-proċedura ta' Default Notice.

549 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsilliera, wara li ġie mistoqsi fuq il-kwotazzjonijiet tat-tindif ta' l-ewwel sular tal-Kunsill, li sar żball amministrattiv f'waħda mill-ittri li ntbagħtet lil JF Services (minflok JF Services tħalla l-isem tal-kumpanija l-oħra) u dawn irraportaw lil Board tal-Governanza. Wara li l-Kunsill intalab jagħti spjega l-

Bord tal-Governanza ma sab l-ebda rregolarita fil-proċeduri tal-Kunsill u s-Segretarja ser tkompli bil-proċess.

550 Materja 499: Il-Kunsill ġie informat bil-laqgħa li saret mas-CEO tat-TM u s-Segretarja kkonfermat li hi ser tibgħat kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa lil kullħadd. Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk ġietx diskussa l-kwistjoni tal-linji bojod ta' Xatt L-Imsida. Il-Viċi Sindku qal li din tressqet globalment ma l-ilment li kien hemm fuq it-tibdil propost mit-TM għal dik iż-żona, u li għalkemm il-Kunsilliera preżenti ma tkelmmux direttament fuq din il-kwistjoni ser issir laqgħa bejn il-Perit tat-TM u l-Perit tal-Kunsill biex jiġu diskussi dettalji speċifiċi taż-żona. Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bżonn pero' li t-TM iwieġbu l-korrespondenza tal-Kunsill u jagħtu risposta fuq l-informazzjoni li intalbet. Hu qal li suppost li xi resident bagħat imejl fuq din il-materja lill-Kunsill. Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill wera d-disapprovazzjoni tiegħu fuq is-suġġerimenti tat-TM għal dik iż-żona u importanti li l-Kunsill jingħata tweġiba. Il-Viċi Sindku qal li l-proġett ser issir għax inkisbu fondi mill-UE biex isiru 'Priority Bus Lanes' pero' qal li dawn mhux problema kbira. L-aktar affarijiet importanti huma l-pożizzjoni tat-'traffic lights' u taż-żebra crossing u li qed tiġi proposta li tingħalaq il-karreġjata li għamlet xi żmien 'Valletta Only'.

551 Materja 500: Is-Sindku kkonfermat li l-Maġġur għadu ma tahiex risposta fuq il-pulizija pajżana. Kienet ippjanata laqgħa pero' kellu t-tifla l-isptar. Is-Segretarju ser terġa tagħmel kuntatt biex issir din il-laqgħa.

552 Materja 502: Il-Viċi Sindku għandu jiċċekja jekk hemmx bażi legali biex il-Kunsill jirtira permess ta' persuni li ma jarmawx il-gabbana fil-Festa (mingħajr ma jkollhom raġuni valida).

553 Materja 505: Is-Segretarju kkonfermat li ma kienx hemm risposta mit-TM fuq it-talba tal-Kunsill Lokali għal-'zebra crossing' fi Triq il-Wied.

554 Materja 510: Fuq il-linji sofor li inżebgħu bojod fi Triq l-Imħallef Debono, is-Sindku qalet li marret tiċċekja u jidher li hemm kollox kif suppost. Is-Sur Selvaggi pero' xtaq ikun jaf min ta l-ordni biex dawn il-linji jinżebgħu. Il-Viċi Sindku qal li hu xi żmien ilu kien irċieva 'complaint' mingħand resident tat-Triq l-Imħallef Debono fejn issemmiet linja twila safra. Qal li hu bagħat lis-Sur Louis Dimech biex jiċċekja jekk tkunx tista tista ssir parkeġġ ieħor. Ġie kkonfermat li l-'complaint' sar minn resident u mhux mingħand sid ta' xi stabiliment fiż-żona. Is-Sur Selvaggi ried ikun ċert li din id-deċiżjoni ma ttieħdetx minn ħaddiem, imam li kienet skont il-proċeduri regolari tal-'complaints' li jirċievi l-Kunsill. Is-Sur Selvaggi qal li hu kien issottometta ilment dwar l-istabiliment 'Gouder Upholstery' pero' ma ttieħdet l-ebda azzjoni. Qal li hu ġie informat li din ġiet approvata mit-TM. Hu talab li l-membri tal-Kunsill ikunu informati meta deċiżjonijiet bħal dawn jittieħdu, u ssuġġerixxa li fil-każ ta' Triq L-Imħallef Debono issir M/C Bay. Il-Kunsill qabel li l-kaxxa tibqa kif inhi għax dan ir-resident għandu kaxxa safra quddiem il- garage u l- linji bojod qeghdin kif suppost bħal ma għandhom residenti oħra.

555 Materja 512: Is-Segretarju kkonfermat li qed tindaga dwar il-proċedura u l-ittra li trid tintgħat lir-residenti ta' Sawmill Street rigward is-'sleeping police'.

556 Materja 515: Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq problema ta' resident fi Triq Victor Denaro li ma jistax joħroġ mill-garaxx meta jipparkjaw fil-'parking bays' il-bojod ta' ma ġenb il-garaxx tiegħu. Is-Sur Brincat qal li hemmhekk il-'bays' saru mill-Koperattiva u mhux mill-Kunsill. Is-Sur Maurice Agius qal li ma sarux il-qies li suppost għax qal li għanddu jitħalla metru u nofs minn kull naħa. Is-Sur Brincat qal li ser jiċċekja. Is-Segretarju tablet li jiċċekjaw ta' Triq l-Imħallef Debono wkoll għax importanti li l-'bays' kollha jkunu skont il-qisien stipulati bil-liġi.

557 Materja 519: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq il-Kalendarju u ġie informat li għadu mhux lest.

558 Materja 531: Il-Kunsilliera ġew imfakkra fl-ikla ta' l-Anzjani li kienet ser issir l-għada u kollha kienu mistiedna jattendu.

559 Materja 532: Is-Sindku qalet li 'Library Day' kienet suċċess u li attenda anke l-Ministru ta' l-Edukazzjoni l_Onor Evarist Bartolo. Il-Viċi Sindku qal li ma setax jattendi din l-attivita' izda xtaq jgħid prosit lill-organizzaturi għax l-attivita' ingħatat 'coverage' tajba mill-'media'. Is-Sindku qalet li għandha laqgħa mal-Ministru biex forsi titkabbar il-librerija. Is-sindku qalet ukoll li l-Kummiedja "It- Tieg ta' Karmena Abdilla" li ttellghat fl- iskola, kienet suċċess. Is-Sur Jean-Claude Borg qal li xtaqt li kien hemm aktar promozzjoni ta' din l-attivita'. Il-Kunsilliera ġew informati li hu kien wieħed mill-atturi prinċipali ta' din il-kummiedja. Fuq l-attivita' ta' l-Ilħna tal-Milied is-Sindku qalet li xtaqet li jkun hemm attendenza akbar pero' qalet li l-attivita' xorta waħda kienet sabiħa u li n-nies li attendew ħadu pjaċir.

560 Materja 534: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq l-applikazzjoni ta' l-Ironmongery ta' Rue D'Argens pero' ma kienx hemm risposta mit-TM.

561 Materja 537: Is-Sur Selvaggi saqsa fuq il-'bollard' ta' quddiem l-Equal Partners u ġie informat li ser issir malli jaslu l-'bollards'.

562 Jean-Claude Borg telaq mill-laqgħa fis-18:31.

563 Materja 540: Is-Sur Bartolo informa lill-Kunsill li għadu qed jipprova jġib id-dettalji mingħad is-Sur Aquilina rigward il-festin tan-nies b'diżabilita'.

564 Materja 538: Reġgħa ssemma li hemm bżonn li ssir laqgħa ma' l-Ispettur fuq is-sitwazzjoni ta' l-AVIS minħabba li l-Kunsill mhux jingħata 'feedback' mill-Pulizija. Il-ViċI Sindku talab lis-Sindku biex terġa tibgħat 'reminder' (fejn hu jkun kkopjat) lill-Ispettur fuq bini perikoluż fi Triq San Alwiġi. Is-Sinjura Zammit li toqgħod Rue D'Argens (quddiem is-Sagristija) ġiet identifikata bħala sid il-propjeta'.

565 Materja 514: Il-Viċi Sindku jixtieq li jagħmilha ċara mal-Pulizija li kull ma jirċievu mingħand il-Kunsill għandu jitqies bħala rapport sakemm ma jkunx ikkomunikat mod ieħor. Il-Kunsill qabel.

566 Daħal fil-laqgħa s-Sur Alan Abela Wadge (18:40).

## 3 Korrespondenza

567 41/0634– Il-Kunsill approva li jingħata kumpens (€73) lil Tiziana Sivio għal ħsara li ġarbet fit-tajrs tal-karozza minħabba ħofra li kien hemm fi Triq Nazju Falzon.

568 41/0705– Il-Kunsill approva li jingħata kumpens (€320) lil Jonathan Apap għal ħsara li ġarreb fit-tajrs tal-karozza minħabba ħofra li kien hemm fi Rue D'Argens..

569 41/0706 – Il-Kunsill approva li jingħata kumpens (€85) lil Mauricio Spiteri għal ħsara li ġarreb fit-tajrs tal-karozza minħabba ħofra li kien hemm fi Rue D'Argens..

570 41/0692 – Il-Kunsill qabel li ma jistax jingħata kumpens lil Leonard Cassar għal ħsara li ġarreb fit-tajrs tal-karozza minħabba ħofra li kien hemm f' Rue D'Argens minħabba li ma kienx hemm rapport tal-Pulizija jew avvidavit. Il-persuna li qed jitlob il-kumpens għandu jiġi mgħarraf dan u jekk dan iġib din l-informazzjoni l-Kunsill qabel li jingħata l-kumpens mitlub. Is-Sindku spjegat li dawn il-ħofor ma setgħux jissewwew minħabba x-xita. Qalet li hemm materjal li jista jintuża meta l-art tkun imxarba pero' dan hu għoli iżjed mill-materjal l-ieħor izda ma setghax issir sample minhabba li s- supplier kien spiccalu.Il-Kunsill qabel li meta tkun ħofra żgħira jkun jagħmel iżjed sens li jissewwa minflok jitħallas il-kumpens.

571 41/0694 – Il-Kunsill rċieva kwotazzjoni tal-manteniment li hemm bżonn isir fil-'lift'. Dan jamonta għal-spiża ta' €1,175.53. Il-Kunsill qabel li jitqabbad inġinier biex jivverifika il-bżonn ta' dawn ix-xogħolijiet qabel isiru. Intqal li hemm bżonn li jintbagħat kopja tar-rapport lill-OHS. Is-Segretarju qalet li ser tiċċekja ma' Schindler fuq dan.

572 41/0678 – Il-Kunsill approva t-talba tal-Assoċjazzjoni tal-MUŻEW biex jagħmlu l-Purċissjoni tal-Bambin u biex ikopri l-ispejjeż tas-siġġijiet għall-attivita' ta' Lejliet il-Milied.

573 41/0707 – Is-Segretarju informat lill-Kunsilliera li l-iskema ta' l-aċċessibilita', fejn il-Kunsill ingħata €1900 biex jagħmel xi rampi ġiet

estiża sa' l-aħħar tas-sena. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jagħti żmien sa meta ser isiru dawn ir-rampi. Is-Sur Brincat ser iġib kwotazzjoni biex dawn isiru.

574 41/0684 – Il-Kunsill ra l-korrespondenza fuq Triq Achille Ferris u ġie deċiz li din il-korrespondenza tintbgħat lit-TM għax it-triq għandha bżonn ta' xogħolijiet strutturali. Saret diskussjoni jekk dik il-parti tat-Triq hix privata jew le. Is-Sur Lino Bartolo qal li din it-triq kienet kwistjoni anke f'Kunsilli preċedenti għaliex is-sid kien jgħid li hemmhekk mhuwiex strutturalment maħdum biex jgħaddu inġenji tqal. Il-Kunsill dejjem kien joġġezzjona għal dan għax kien jinsisti li hemm hija triq pubblika u meta għamel is-saqaf kellu jieħu ħsieb li jkun tajjeb għall-użu pubbliku.

575 Is-Sur Emanwel Brincat ħareġ mill-laqgħa (18:59).

576 41/0710 – Il-Kunsill iddiskutat korrespondenza fuq Triq H Calleja Schembri. Din it-triq ukoll qed tisfronda u s-Sindku qalet li l-problema hija li minn din it-triq jgħaddu trakkijiet kbar. Is-Sur Maurice Agius qal li jekk jittranġaw il-'calming measures' kif suppost (ie jsiru 3 metri) t-trakkijiet ma jgħaddux. Is-Sindku qalet li l-ewwel hemm bżonn lis sir tabella biex ma jgħaddux 'heavy vehicles' u biex isir dan irid l-ewwel jinkiseb il-permess tat-TM. Sar qbil li jsiru t-tabelli (kemm f'din it-triq u anke fi Triq Achille Ferris) u tintbgħat it-talba lit-Trasport Malta.

577 41/0715 – Il-Kunsill irċieva imejl b'ilment dwar persuna li tarma bil-ħaxix ħdejn l-Ispiżerija Mayer (Xatt tax-Xbiex) minħabba li qed jostakola l-bankina. Il-Kunsilliera ma qablux li dan qed isir minn tal-ħaxix pero' sar qbil li l-Kunsilliera jkellmuh biex kemm jista' jun javża lill-klijenti tiegħu biex ikunu aktar prudenti. Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li l-'air condition unit' li kien hemm f'dik iż-żona ġie mneħħi bl-għajnuna tas-sezzjoni ta' l-infurzar fi ħdan il-MEPA.

578 Is-Sur Bartolo qal li hemm xi dwal fuq il-bollards ta' quddiem il-Knisja li mhux qed jixgħelu. Qal li kellem lil Enemalta u lil Nexos u suppost ser jirranġawhom biex jixgħelu. Semma wkoll xi bozzoz ħdejn il-Junior College fejn hemm il-problemi. Is-Sur Bartolo qal li għandu problema ma l-Enemalta fuq xi bozzoz ħdejn id-dawra tal-baħar. L-Enemalta sewwew il-ħsara pero' qed jgħidu li dawn messewhom Kunsill preċedenti u qed jgħidu li il-kuntratt tad-devoluzzjoni jgħid li issa huma responsabilta' tal-Kunsill minħabba li missewhom. Il-Viċi Sindku qal li l-Enemalta jridu jġibu l-provi li biddluhom il-Kunsill.

579 Is-Sindku qrat ittra li ntbagħtet mill-Klabb tal-Futbol fejn saret talba biex waqt il-World Cup, li ser isir f'Gunju 2014, il-klabb jingħata l-permess li jagħmel 'screen' fil-Ġnien. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni pero' l-Viċi Sindku, wara li qal li l-Kunsill dejjem għen l-għaqdiet meta kellhom bżonn, wera x-xewqa li l-għaqda kkonċernata ma tabbużx minn din is-sitwazzjoni.

Sar qbil li l-permess jingħata flimkien mas et ta’kundizzjonijiet, li ser ikunu jinklududu li jitħallas depożitu ta’ €200, li ma jsirx tisjir, li jun preżenti pulizija waqt kull logħba, li jsir Service Meter biex jieħdu d-dawl minnu, u regolatmenti fuq l-iskart. Is-Sur Alan Abela Wadge qal li l-logħob kollu ser ikun lest sal-11pm minbarra logħoba waħda. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jikkunsidra li jagħti permess għal dik il-logħba. Is-Segretarju Eżekuttiva ġiet mitluba biex tara t-‘Tourism Act’ (permessi ta’ l-MTA) u l-kundizzjonijiet ta’ permessi ta’ ‘snack bar’. Il-Kunsill qabel li meta tkun sr issir xi attivita’ tal-Kunsill din l-attivita’ tieħu preċedenza. Il-Kunsill qal li jista jkun li ż-żewġ attivitajjiet ikunu jistgħu jsiru simultanjament, jew jiġu inkorporati flimkien, pero’ l-Kunsill qabel li jżomm dan id-dritt.

580 41/0714 - Is-Sur Maurice Agius talab li jingħata informazzjoni fuq il-korrespondenza mill-MEPA fuq il-ġnien u ġie informat li dan il-permess kien biex tiġi sazzjonata l-kamra li nbniet fil-ġnien.

## 4 Approvazzjoni tal-Pagamenti

581 Il-pagamenti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ kunsilliera.

## 5 Kumitat Amministrattiv Swatar

582 Is-Sna Mifsud bagħtet tirringrazzja l-Kunsill ta’ L-Imsida tas-sapport li ngħataw lill-KAS waqt l-attivita’ tal-Christmas Market.

## 6 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati.

583 Is-Sur Lino Bartolo fakkar lill-Kunsilliera li l-ikla ta' l-Anzjani ser issir fit-18 ta' Diċembru fil-Lukanda Solana l-Qawra. Qal li l-anzjani xtalhom regal ċkejken ta’ l-okkażjoni u li Jean-Claude kien ser jilbes ta’ Father Christmas waqt l-ikla biex iqassam dawn ir-regali. Hu qal ukoll li l-Party li s-soltu jsir kull l-aħħar Ħamis tax-xaħar ser isir il-Ħamis li ġej (19 ta’ Diċembru) biex ma jsirx l-għada tal-Milied.

584 Is-Sur Batolo wera x-xewqa li jikseb informazzjoni fuq in-nies bi bżonnijiet speċjail fil-lokalita’ u qal li l-KNPD għandhom 180 reġistrati fl-Imsida pero’

ma jistgħux jgħaddulu l-informazzjoni. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jintbaħtu xi inviti għal attivita' jew laqgħa mill-KNPD imbad ikun jista jibda l-kuntatt ma' min jattendi din l-attivita'.

## 7 Affarijiet Oħra Hekk Urġenti

585 Il-Viċi Sindku reġa ssuġġerixxa biex jekk Kunsillier ikollu xi kumment/ilment jagħmel kuntatt mal-Kunsill matul ix-xahar u mhux bilfors jistenna l-laqgħa.

586 Is-Sur Bartolo qal li irnexxilu jiġbor reklami għall-kalendarju tal-Kunsill fejn dan ma ġie jiswa xejn lill-Kunsill. Il-Kunsilliera urew l-apprezzament tagħhom għal din l-inizjattiva.

587 Is-Sur Bartolo qal ukoll li tkellem ma tal-Creek Developments Ltd biex issir kompetizzjoni tat-tiżjin tal-Milied u l-Kunsill jagħti 3 trofej lir-rebbieħa tat-tlett kategoriji. Hu qal li ma tantx jidher li tħajru s-sidien tad-dgħajjes u ma rċieva l-edba informazzjoni oħra mill-Creek Developments.

588 Is-Sur Maurice Agius talab biex issir il-laqgħa fuq il-'parking bay' ta' Triq Johnny Catania pero' s-Sur Brincat qallu li aħjar jiftiehem ma' Louis Dimech għax mhux se jkollu ċans.

589 Il-Kappillan għamel talba biex il-parkeġġ fi Triq Mons Falzon jibda jsir in-naħa l-oħra tat-triq minħabba li qed jaqgħu xi biċċiet mill-Knisja u tista ssir il-ħsara lill-vetturi. Il-Kunsill qabel li jekk isir hekk ma tkunx l-ħajar soluzzjoni għar-residenti minħabba li jintilfu xi parkeġġi. Il-Kunsill qabel pero' li jekk hu jipprovdi lill-Kunsill b''Work Plan' biex juri kif ħa jsiru, u ż-żmien li fih ħa jsiru, x-xogħolijiet din it-talba tkun tista tiġi milqgħua. Pero' sar qbil li hekk m'hemmx pjan ta' kif ħa jsiru x-xogħolijiet il-Kappillan jintalab jagħmel qlugħ mal-Knisja.

590 Is-Sur Maurice Agius ħareġ mill-laqgħa (19:36)

591 IS-Sur Bartolo qal li ħareġ il-permess tal-MEPA fuq il-bini ta' l-Awtorita' tad-Djar ħdejn il-Kunsill Lokali. Qal li hemm 62 flat u 12 il-garaxx biss. Il-Kunsill qabel li ssir komunikazzjoni mas-CEO ta' l-Awtorita' tad-Djar fuq din il-materja.

592 Is-Sindku informat lill-Kunsilliera li l-ispejjeż tat-Tenur għall-attivita' ta' L-Ilħna tal-Milied kienu ta' €140 u talbet li l-Kunsill ikopri l-ispiża tal-Kappillan li kienet ta' €70. Il-Kunsill approva li jitħallsu dawn l-ispejjeż.

593 Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-Busy Bee talbu li kaxxa safra li għandhom quddiem garaxx issir Loading/Unloading Bay. Il-Kunsill ma sabx oġġeżżjoni u qabel li tintbagħat talba lit-TM.

594 Is-Sindku informat lill-Kunsilliera li hemm persuna li weġġa riċenti f'inċident bil-mutur u talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex issir reserved parking għal perjodu ta' 9 xhur. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm din tkun waħda temporanja sakemm jgħaddilu. Il-Viċi Sindku qal li importanti li hu japplika mat-TM xorta waħda.

595 Is-Sindku u s-Sur Selvaggi tkellmu fuq is-sitwazzjoni ta' Triq Censu Farrugia. Huma tkellmu li dan r-resident, li qed jilmenta fuq żewġ problemi fiż-żona: li quddiem r-residenza tiegħu saret 'dumping zone' u li t-triq il-nfetħet reġgħet qegħda magħluqa, għandu jingħata tweġiba uffiċċjali mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tinbgħat imejl fejn il-Kunsill jgħid li "Wara l-korrespondenza li ntbagħtet lis-Sindku u lill-Kunsillier Charles Selvaggi, l-Kunsill ..." Is-Sur Selvaggi għandu jinformah li ser jirċievi korrespondenza uffiċċjali mill-Kunsill.

596 Saret diskussjoni fuq ix-xogħol li qed isir mill-kuntrattur biex tinfetaħ it-triq imsemmija. Is- Sindku qalet li ghalkemm ma kienitx involuta fil- kaz, taf li qabel l- elezzjoni, fil- Kunsill precedenti kien hemm pressure biex tinfetah it- triq u kien hemm kwistjoni fuq il- crane ta' fejn hemm it- triq maghluqa nfatti dik il- bicca saret bil- konkos. Sar qbil li tinkiteb ittra fejn jingħata żmien biex ilesti x-xogħol billi tintalab programm tax-xogħolijiet u jkun marbut b'garanzija li jrid iżomm miegħu. Sar qbil li meta l-Kuntrattur iġib il-Perit irid ikun preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma jistax jgħaġġel ix-xogħol għax jekk ikun hemm il-problemi, l-Kunsill ikun responsabbli.

597 Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li hemm ikla tal-Każin tal-Banda s-Sibt 21 ta' Diċembru.

598 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba ta' l-istaff tal-Kunsill biex iġorru xi sigħat ta' 'leave' mill-2013 għall-2014. Din it-talba ġiet approvata bil-kundizzjoni lid an jintuża sa' l-aħħar ta' Gunju 2014.

599 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li qed isiru diskussjonijiet biex tiġi mpjegata persuna b'diżabilita' fiżika fil-Kunsill biex tibni sistema eletronika ta' filing. Dan qed isir bl-għajnuna ta l-ETC u l-Kunsill mhux ser qed ikun iħallas il-paga ta' din il-persuna. Hemm bżonn pero' li jinxtara apparat (€20) biex din il-persuna tkun tista tqalleb il-karti li jkunu diġa ġol-file. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

600 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li hi u-Sindku kellhom laqgħa ma' uffiċċjail tal-Ħabs biex isiru jafu aktar fuq l-iskema ta' Inmate Community Worker.

Qalet li l-ħabs ikunu jistgħu jipprovdu lill-Kunsill b'ħaddiema għal ċertu proġetti pero' jrid jiġi provdut trasport u jridu jkunu supervised. Il-Viċi Sindku qal li ser jiċċekja jekk it-trasport hux neċessarju li jipprovdih il-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jipparteċipa fi skema ta' din in-natura.

601 Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lill-Kunsilliera x'se jsir fuq il-problemi ta' l-iskart u jekk hux se tibda topera ronda ta' ġbir ta' skart il-Gimgħa minflok il-Ħamis (bir-riċiklaġġ jinġabar il-Ħamis). Sar qbil li ssir laqgħa mal-Kuntrattur u l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni li dan isir bi prova.

602 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20:20.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv